MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GINO CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 1218/1992/1

**Perit Lawrence Mintoff f'ismu propriju kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rappresetanca tas-socjeta' Building and Design Cosultants Limited**

**vs**

**Francis Xuereb**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur propio et nomine ppremetta :-

Illi l-konvenut inkariga lill-attur proprio et nomine biex jipprovdilu servizzi professjonali ta' perit arkitett in

konnessjoni mal-bini li l-attur kien qed jerigi fuq il-plots numri 17, 18, u 19, fi Triq Reggie Miller, Gzira;
Illi sussegwentement wara li l-attur proprio et nomine ppresta s-servizzi rikjesti minnu, il-konvenuti abbanduna lill-attur proprio et nomine minghajr ma hallsu d-drittijiet tieghu;

Illi dawn id-drittijiet jilhqu s-somma ta' elf u hames liri u erbgha u ghoxrin centesimu (Lm1005.24);

Illi l-konvenut baqa' ma hallasx ghalkemm debitament interpellat biex ihallas;

Ghalhekk l-attu propio et nomine talab li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandiex:-

tikkundannah ihallas lill-atturi proprio et nomine s-somma ta' elf u hames liri u erbgha u ghoxrin centesimu (Lm1005.24) drittijiet tal-istess attur resi kif intqal fuq;

Bl-ispejjez komprisi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Ottubru 1991, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur proprio et nomine debitament konfemata bil-gurament;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Preliminarjament illi l-inkarigu moghti mill-konvenut kien dirett lil Perit Lawrence Mintoff personalment u ghalhekk m' gahndu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' Building and Design Consultants Limited;

2. Illi l-konvenut ma inkarigax lill-attur dwar il-plots 17, 18 u 19 Triq Reggie Miller, Gzira biss izda inkarigah ukoll fuq plots 30 u 31, Triq Luqa Briffa, Gzira;

3. Illi s-servizzi rezi mill-attur lill-konvenut in konnessjoni mal-proprjeta fuq imsemmija saru b'mod negligenti u x-xogholijiet li saru ma sarux skond l-arti u s-sengha;

4. Illi b’ konsegwena tan-nuqqasijiet da parti tal-attur, il-konvenut sofra d-danni li dwarhom qed iressaq l-opportuna kontro-talba;

5. Illi bla pregudizzju l-ammont mitlub huwa esagerat;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn gie premess :-

Illi jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 396 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili l-konvenut qed iharrek lill-attur proprio et nomine in via rikonvenzjonali bil-mod kif gej:

Illi l-konvenut kien inkariga lill-attur sabiex fil-kwalita tieghu ta’ perit jaghti s-servizzi tieghu professjonali in konnessjoni mal-izvilupp ta’ plots 30 u 31, Triq Luqa Briffa, Gzira u plots 17, 18 u 19, Triq Reggie Miller, Gzira;

Illi l-konvenut induna illi l-attur kien negligenti u kkommetta diversi nuqqasijiet fil-qadi tal-inkarigu lilu moghti tant li x-xoghol li beda jsir kien mhxu skond l-art u s-sengha u bid-difetti, kif ukoll gie kkawzat dewmien fix-xogholijiet;

Illi b’konsegwenza ta’ dan il-konvenut sofra danni ngenti kif wkoll kien kostrett jittermina l-inkarigu moghti lill-attur;

Ghalhekk il-konvenut talab ghalhekk li l-attur proprio et nomine jghid ghaliex m’ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-attur kien negligenti u kkommetta diversi nuqqasijiet fil-qadi tal-inkarigu lilu moghti mill-attur in konnessjoni mal-proprjeta fuq imsemmija;

2. Tiddikjara lill-attur responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenut b’konsegwenza tal-agir u nuqqasijiet fuq imsemmija da parti tal-istess attur;

3. Tillikwida dawn id-danni jekk hemm bzonn permezz ta’ periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur propio et nomine fejn gie eccepit illi l-kontrotalba tal-konvenut mhux ammissibbli ghaliex:

a) ghal bini tal-plots imsemmija fic-citazzjoni l-attur ta l-inkriku lis-socjeta attrici li pprovdiet is-servizz professjonali fil-persuna tal-attur proprio, u ghalhekk kuntrarjament ghal dak li qed jghid il-konvenut hemm relazzjoni gjuridika diretta bejn l-istess konvenut u s-socjeta’ attrici;

b) ghal bini tal-plots 30 u 31 Triq Luqa Briffa, Gzira, l-attur kien ta’ l-inkariku lill-attur flimkien mal-kuntrattur Jimmy Borg li mhux parti fil-kawza; u

c) iz-zewg inkariki huma separati u distinti u moghtija fi zmien differenti;

Minghajr pregudizzju ghal dak li gie eccepit hawn fuq, l-attur f’ kull wiehed mill-inkariki lilu fdat kien diligenti u mexa skond l-art u d-dettami tal-professjoni tieghu, u l-konvenut ma sofra ebda danni mputabbli ghalih;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur proprio et nomine annessa man-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu ghall-kontrotalba tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat is-sentenza taghha (diversament presjeduta) tal-5 ta’ Ottubru 1993 li biha giet michuda l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu u giet deciza l-ewwel eccezzjoni tal-attur ghal kontro-talba tal-konvenut billi gie dikjarat li tesisiti relazzjoni guridika diretta bejn l-istess

konvenut u s-socjeta attrici dwar il-fatti li taw lok ghal din il-kawza;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tat-22 ta' Novembru 1993 li bih gie nominat l-AIC Joseph Huntingford bhala perit tekniku bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat li l-imsemmi perit tekniku gie sotitwit u gie nominat minnflok l-AIC Frederick Doublet bl-istess fakoltajiet;

Rat ir-rapport tal-abbli perit teknikudebitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tad-9 ta' Dicembru 2002;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;

Ikkonsidrat:

L-attur propio et nomine jippremetti li kien gie nkarigat mill-attur bhala perit arkitett in konnessjoni mal-bini da parti tal-attur fil-plots 17, 18, u 19, fi Triq Reggie Miller, Gzira. L-attur propio et nomine jkompli jippremetti li wara li huwa ppresta dawn is-servizzi l-konvenut abbandunah minghajr ma hallsu d-drittijiet tieghu, liema drittijiet jilhqu s-somma ta' elf u hames liri u erbgha u ghoxrin centesimu (Lm1005.24). Ghalhekk l-attur propio et nomine qed jitlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li l-inkarigu kien dirett biss lill-attur personalment u kwindi l-konvenut m'gahndu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Jeccepixxi ukoll li l-attur kien gie inkarigat ukoll ghar-rigward ta' bini li kellu jsir fuq plots 30 u 31, Triq Luqa Briffa, Gzira u illi s-servizzi rezi mill-attur saru b'mod negligenti u x-xogholijiet ma sarux skond l-arti u s-sengha. Konsegwentement il-konvenut jippretendi li sofra danni u ghalhekk ghamel kontro-talba. Finalment il-konvenut eccepixxa li l-ammont mitlub huwa esagerat;

Fil-kontro-talba tieghu l-konvenut jippremetti li l-attur kien negligenti u kkommetta diversi nuqqasijiet fil-qadi tal-inkarigu tieghu tant li x-xoghol sar mhux skond l-arti u s-sengha, kellu difetti u kien hemm ukoll dewmien. Minhabba f’hekk il-konvenut sofra danni u ghalhekk ukoll ittermina l-inkarigu moghti lill-attur. Ghalhekk il-konvenut talab li jigi dikjarat li l-attur kien negligenti u kkommetta diversi nuqqasijiet u konsegwentement l-attur jigi dikjarat responsabbli ghad-danni konsekwenzjali sofferti mill-konvenut. Talab ukoll li jigu likwidati dawn id-danni uli l-attur jigi kundannat ihallas l-istess danni kif likwidati;

L-attur eccepixxa li l-attur kien effettivament inkariga lis-socjeta attrici li pprovdiet is-servizz professjonali fil-persuna tal-attur proprio, u ghalhekk hemm relazzjoni gjuridika diretta bejn l-istess konvenut u s-socjeta’ attrici. Jeccepixxi ukoll ghar-rigward tal-plots gewwa Triq Luqa Briffa, Gzira, huwa kien gie inkarigat flimkien mal-kuntrattur Jimmy Borg li mhux parti fil-kawza u li z-zewg inkariki huma separati u distinti u moghtija fi zmien differenti. Finalment jeccepixx li huwa dejjem kien diligenti u mexa skond l-arti u d-dettami tal-professjoni tieghu, u ghalhekk il-konvenut ma sofra ebda danni mputabbli ghalih;

Bl-imsemmija sentenza tal-5 ta’ Ottubru 1993 gie deciz li tesisiti relazzjoni guridika diretta bejn il-konvenut u s-socjeta attrici. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut gie michuda filwaqt li giet akkolta l-ewwel eccezzjoni tal-attur ghal kontro-talba tal-konvenut;

Fil-kors ta’ dawn il-proceduri gie nominat perit tekniku. L-abbli perit tekniku ikkonsidra r-rizultanzi kollha u kkonsidra ukoll dak kollu li hu rilevanti ghal-finijiet li tigi deciza t-talba tal-attur u l-kontro-talba tal-konvenut. Huwa esamina funditus it-talba tal-attur propio et nomine u l-eccezzjonijiet tal-konvenut u ghamel ukoll refernza ghat-tariffa tal-periti arkitetti u ghall-kwestjonijiet teknici li gew sollevati fil-kors tal-perizja;

Wara dan kollu l-abbli perit tekniku kkonkluda illi (i) dwar it-talba attrici il-konvenut ghandu jhallas lill-attur issomma ta’ tmien mija u sebgha u hamsin liri maltin u ghaxar centezmi (Lm857.10) ghax xoghol li ghamel dwar id-dar li kellha ssir fuq plots 17, 18 u 19, Tniq Reggie Miller, Gzira; (ii) dwar l-ewwel kontrotalba tal-konvenut, l-attur ma kienx negligenti u ma kkommettiex nuqqasijiet fil-qadi tal-inkarigu lilu moghti mill-attur in konnessjoni mal-propijetajiet fuq plots 17, 18, u 19, Triq Reggie Miller, u Plots 30 u 31, Triq Luqa Briffa, Gzira u (iii) dwar it-tieni kontrotalba tal-konvenut, l-attur mhux risponsabbli ghall-ebda danni sofferti mill-konvenut;

Il-Qorti esaminat bir-reqqa l-imsemmi rapport tal-perit tekniku. Esaminat ukoll it-twegibiet bil-miktub tal-istess perit tekniku ghad-domandi li sarulu mill-konvenut. Il-Qorti taqbel mal-kostatazzjonijiet kollha u mal-konkluzjonijiet li ghamel u li wasal ghalihom il-perit tekniku. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel lill-Qorti tbiddel jew tvarja l-istess konkluzjonijiet. Ghalhekk l-istess qed jigu adottati u l-Qorti tghamillhom taghha;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa t-talba tal-attur propio et nomine limitatament pero’ ghas-somma ta’ tmien mija u sebgha u hamsin liri maltin u ghaxar centezmi (Lm857.10) u konsegwentement tikkundanna l-konvenut ihallas l-istess somma ta’ Lm857.10 u dana ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni u bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha tal-konvenut kif kontenuti fil-kontro-talba tieghu;

L-ispejjez kollha jithallsu kwantu ghall erba partijiet minn hamsa (4/5) mill-konvenut u kwantu ghar-rimanenti parti wahda minn hamsa (1/5) mill-attur propio et nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------